Id-deċiżjoni kkontestata qieset li l-azzjonijiet proposti fl-inizjattivi ma kinux jaqgħu fil-portata tal-kompetenzi tal-Kummissjoni sabiex tippreżenta proposta għal att legali tal-Unjoni għall-finijiet tal-applikazzjoni tat-Trattati.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq ksur tar-rekwiżiti essenzjali proċedurali.

— F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tallega li d-deċiżjoni kkontestata tikser it-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE, li jipprovdi li l-atti legali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom jiddikjaraw ir-raġunijiet li fuqhom ikunu bbażati, u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini ([1]), li jipprovdi li l-Kummissjoni, meta tirrifjuta li tirreġistra inizjattiva taċ-ċittadini proposta, għandha tinforma lill-organizzaturi "bir-raġunijiet għal dan ir-rifjut".

2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq ksur tat-Trattati jew ta' dispożizzjoni legali oħra dwar l-applikazzjoni tagħhom.

— F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tallega li d-deċiżjoni ta' rifjut ikkontestata tikser l-Artikolu 11 TUE, l-Artikolu 24(1) TFUE u l-Artikolu 4(2)(a), (b) u (c) tar-regolament imsemmi iktar 'il fuq, li jimplimenta dawn id-deċiżjonijiet tat-Trattati.

3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq in-natura tal-azzjonijiet proposti fl-inizjattiva taċ-ċittadini.

— F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tallega li ebda wieħed mis-suġġetti indirizzati fl-inizjattiva taċ-ċittadini ma jaqa' manifestament lil hinn mil-limiti tas-setgħat tal-Kummissjoni sabiex tipproponi att legali tal-Unjoni għall-finijiet tal-implimentazzjoni tat-Trattati.

4. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq l-argument li l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta taqa' fil-qafas legali tal-Unjoni.

— F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tallega li mill-formulazzjoni tal-Artikolu 4(2)(b) u tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 211/2011, kif ukoll mill-kontenut stess tal-inizjattiva li hija s-suġġett tat-tilwima, jirriżulta li fil-każ ineżami huma ssodisfatti r-rekwiżiti kollha imposti minn dan ir-regolament u, għaldaqstant, l-inizjattiva kien imissha ġiet irreġistrata.

([1]) ĠU 2011, L 65, p. 1, rettifika fil-ĠU 2012, L 94, p. 49.

---

**Rikors ippreżentat fit-12 ta' Settembru 2019 – Point Tec Products Electronic vs EUIPO – Compagnie des montres Longines, Francillon (Rappreżentazzjoni ta' żewġ ġwienaħ miftuħin)**

**(Kawża T-615/19)**

(2019/C 363/42)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Point Tec Products Electronic GmbH (Ismaning, il-Ġermanja) (rappreżentant: D. Wiedemann, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Compagnie des montres Longines, Francillon SA (St-Imier, l-Isvizzera)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* ir-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark li tindika l-Unjoni Ewropea fir-rigward tat-trade mark figurattiva li tirrappreżenta żewġ ġwienaħ miftuħin - Reġistrazzjoni internazzjonali Nru 1 349 160 li tindika l-Unjoni Ewropea

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti ta’ oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta’ Lulju 2019 fil-Każ R 2427/2018-5

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 72(2) tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) 2017/1001;

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) 2017/1001.

---

**Rikors ippreżentat fit-12 ta’ Settembru 2019 – Katjes Fassin vs EUIPO – Haribo The Netherlands & Belgium (WONDERLAND)**

**(Kawża T-616/19)**

(2019/C 363/43)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Katjes Fassin GmbH & Co. KG (Emmerich am Rhein, il-Ġermanja) (rappreżentanti: T. Schmitz u M. Breuer, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Haribo The Netherlands & Belgium BV (Breda, il-Pajjiżi l-Baxxi)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali tal-Unjoni “WONDERLAND” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 16 263 295

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti ta’ oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tar-Raba’ Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta’ Lulju 2019 fil-Każ R 2164/2019-4